5 ta' Marzu, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Francis Sammut *versus* Antonia Portelli ne.

**Eżekuzzjoni ta' Sentenza — Revoka ta' Atti Eżekuttivi — Kuratur "ad litem" — Illeġittimità tal-Persuna.**

*Huwa prinċipju kostanti fil-ġurisprudenza tagħna illi l-uffiċċju tal-kuratur "ad litem" jispiċċa mas-sentenza u meta jkun eżawrit il-proċediment eżekuttiv ta' dik is-sentenza; b'mod illi r-rappreżentanza tal-kuratur tibqa' anki għall-finijiet u in konnessjoni ta' dawk l-atti eżekuttivi.*

*Għaldaqstant, il-kuratur li għandu din ir-rappreżentanza ma hemmx raġuni għaliex ma għandux ikompli fiha meta si tratta ta' annullament jew revoka ta' atti li bihom tkun ġiet eżegwita s-sentenza. Konsegwentement, il-kuratur "ad litem" li jkun ottjena atti eżekuttivi b'eżekuzzjoni ta' sentenza minnu ottenuta, huwa persuna leġittima biex jikkontesta l-azzjoni li jagħmel id-debitur hekk eżekutat biex jiġu annullati jew revokati l-atti eżekuttivi meħudin kontra tiegħu minn dak il-kuratur in eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza.*

Il-Qorti;

**Rat** iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, billi l-konvenuta otteniet minn dina l-Qorti kontra l-instanti mandat ta' impediment tas-safar taż-17 ta' Jannar, 1949, li ġie perijodikament prorogat sa l-aħħar tas-sena 1949, u mandat ieħor ta' impediment tas-safar fit-30 ta' Novembru, 1949, li ġie perijodikament prorogat u għadu jseħħ, biex tikkawtela pensjoni alimentarja ta' binha minuri Francesco kontra

l-instanti għar-rata ta' £1 fil-ġimgħa stabbilita b'sentenza ta' dina l-Qorti fl-ismijiet ta' hawn fuq invertiti tal-11 ta' Frar 1949; u billi l-ispedizzjoni ta' dawn il-mandati hija inġusta u illegali, għaliex l-instanti qatt ma pprova jsiefer u l-anqas għandu dina l-intenzjoni, u l-konvenuta nomine ma hix kreditriċi ta' ebda rata skond is-sentenza ta' dina l-Qorti ġa fuq ċitata, peress illi l-instanti dejjem kien metikolożament puntwali fil-pagament; talab illi jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmija mandati ġew illegalment ottenuti, u konsegwentement dawn għandhom jiġu revokati. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha opponiet, *in linea preliminari*, illi hija mhix persuna leġittima; għaliex, kif dejjem ġie ritenut, l-uffiċċju tal-kuratur "*ad litem*" jispiċċa mas-sentenza definittiva, u l-mandat tiegħu ma jestendix ruħu għal kawża oħra, bħal dik odjerna, avvolja tinteressa l-istess persuna rappreżentata; illi, fil-meritu, it-talba hija insostenibbli, għaliex l-attur huwa debitur lejn l-eċċipjenti f'ammont superjuri għal £20;

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Diċembru 1954 (fol. 57), mnejn jidher illi l-kontendenti llimitaw, għal issa, il-kontestazzjoni għall-preġudizzjali ta' l-illeġittimità tal-persuna;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat*, dwar l-eċċepita illeġittimità tal-persuna;

**Illi huwa prinċipju kostanti fil-ġurisprudenza tagħna** illi l-uffiċċju tal-kuratur "ad litem" jispiċċa mas-sentenza u meta jkun eżawrit il-proċediment eżekuttiv ta' dik is-sentenza; b'mod illi r-rappreżentanza fil-kuratur tibqa' anki għall-fini u in konnessjoni ta' dawk l-atti eżekuttivi; konsegwentement il-kuratur li għandu dina r-rappreżentanza ma hemmx raġuni għaliex ma għandux ikompli fiha meta si tratta ta' annullament jew revoka ta' atti li bihom tkun ġiet eżegwita l-istess sentenza (ara f'dan is-sens Kollez. X, 171 u 172; XXI-I-261; XXVI-III-667);

*Illi fid-dawl* ta' dan il-prinċipju, l-eċċezzjoni tal-konvenuta tirriżulta inġustifikata. Difatti mhux kontestat illi hija kienet il-kuratriċi "ad litem" tal-minuri binha Francesco fil-kawża tal-filjazzjoni deċiża minn dina l-Qorti fil-11 ta' Frar 1949, u illi b'eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza hija

otteniet il-mandati li li tagħhom l-attur qiegħed jitlob l-annullament u r-revoka; u għalhekk il-konvenuta għad għandha r-rappreżentanza ġudizzjali ta' l-imsemmi binha, ladarba l-oġġett tal-kawża odjerna huwa ntiż biex iwaqqa' dawk l-atti, li bihom il-konvenuta ppretendiet li teżegwixxi l-istess sentenza;

Illi fid-deċiżjonijiet ċitati mill-konvenuta fid-dikjarazzjoni fol.4 tergo (barra minn dik riportata fil-Kollez. XX-I-261, li hija kuntrarja għat-teżi tagħha), mhumiex applikabbli għall-każ, għaliex jikkontemplaw każi ta' kawżi ġodda u b'oġġett għal kollox divers minn dak tal-ġudizzju prinċipali, jew mhux proprjament attinenti għall-eżekuzzjoni tas-sentenza;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-preġudizzjali tal-konvenuta, billi tiddikjara li hija tirrappreżenta leġittimament l-imsemmi binha minuri Francis; bl-ispejjeż għall-konvenuta; u tħalli l-kawża għall-21 ta' Mejju 1955 biex titkompla fil-meritu.